*Fit-Tribunal Industrijali*

*Fil-Kwistjoni tax-Xoghol*
*bejn:*

*Sammut saviour sive Silvio*

*u*

*Gafa' Saveway Cleaning Services Ltd / Gafa Saveway Cleaners Ltd*

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hija ngusta*

*Decizjoni numru 2200*

*Kaz Nru 2782*

*Illum 25 ta' Jannar, 2013.*

*Chairman: Avv Dr Joseph P Bonnici*

## Introduzzjoni

Illi l-appellant talab lil dan it- Tribunal jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu minn mas-socjeta' intimata ma saritx ghal raguni gusta.

Da parti taghha, is-socjeta intimata allegat gustifikazzjoni ta' redundancy fil-konfront taghha.

## Fatti

L-appellant kien impjegat mal-kumpanija Euro Hygiene Company Limited. Dina kellha l-kuntratt tat-tindif fil-Malta International Airport. Dahlu xoghol ta' supervisor fuq bazi part-time.

Sussegwentement il-kuntratt gie assenjat lis-socjeta' intimata. In vista li l-kariga kellha nomenklatura bhala 'supervisor' ma kenitx vigenti fl-istruttura tas-socjeta intimata, l-appellant ma setax izzomm l-istess grad. Offrut xoghol ta' cleaner pero' bl-istess kundizzjonijiet rimanenti, l-appellant ma accettax. Una volta l-principal ma kellux xoghol ghalih, l-impjieg tieghu gie terminat a bazi ta' 'redundancy'.

## Provi

Is-socjeta' intimata pproduciet bhala xhud uniku taghha lil konsulent legali **Avv. Edward Gatt**. Dana spjega li ai termini tal-kundizzjonijiet tal- 'award tat-tender' is-socjeta intimata kellha tassumi l-impjegati li kienu fuq il-lant tax-xoghol.

Effettivament hekk sar pero ma kienx hemm lok fl-organizzazzjoni tas-socjeta intimata ghal grad u/jew funzjoni ta' supervisor. Huma offrewlu l-kariga ta' cleaner, izda dan m'accettax.

Ir-rikorrent xehed li kien ilu mas-socjeta precedenti f' dik il-kariga ghal numru ta' snin. Meta ix-xoghol gie transferit lis-socjeta' intimata, r-rapprezentant tas-socjeta intimata **Dominic Galea** mill-ewwel wera l-animosita' tieghu. Una volta qatt ma ghamel xoghol ta' tindif izda verament ta' supervizjoni, ma setax jaccetta dimozjoni. Veru bl-istess kundizzjonijiet, izda eskluza n-natura tax-xoghol.

**Christian Borg** – rapprezentant ta' l-ETC xehed li r-rikorrent ghamel sitt (6) snin ma Euro Hygiene Ltd. Hadem ghal gurnata biss fl- 1 ta' Frar 2012 mas-socjeta' intimata. L-ghada regghet beda jahdem mal-principal li kellu qabel.

## Konsiderazzjonijiet

Illi l-kaz in dezamina jikkostitwixxi ruhu li jikkwalifika taht il-preventiv tal-Art 38 tal-Kap 452. Tali rizerva kienet saret fit-tender documents rilaxxjati mill-MIA. Inoltre tapplika ukoll il-Leg.Suss 452.85 li tistipula r-Regolamenti dwar il-Harsien tal-Impjieg fit-Trasferimenti tan-Negozju.

Il-provvedimenti kontenuti huma ta' applikazzjoni stretta in vista li l-impjieg tal-haddiema kien ser jghaddi minn principal ghal iehor. Il-mizuri stipulati jridu jigu segwiti b' manjiera trasparenti u spjegati lill-istess haddiema.

L-Art 5(2) tal-L.S 452.86 jistipula li –

'It-trasferimenti tal-azjenda negozju jew parti mill-azjenda jew negozju m' ghandux fih innifsu jikkostitwixxi raguni bizzejjed ghat-tkeccija ta' l-impjegati minn min jittrasferixxi jew minn min jircievi t-trasferimenti.

Izda din id-disposizzjoni, ma timpedixxi ebda tkeccija li tista issir ghal ragunijiet ekonomici, teknici jew ta' organizzazzjoni li jitolbu li jsiru tibdiliet fl-ghadd ta' nies li jahdmu'.

Dan il-kuncett gie mehud mis-sistema Ingliz fejn gew definiti bhala 'an economic reason would relate to the profitability or market performance of the transferee 's business, a technical reason would relate to the nature of the equipment or production process which the transferee operates, and on an organisational reason would relate to the management or organisational structures of the transferee's business'.

Issir riferenza ghall-awtur Ingliz Selwyn li jittratta s-suggett ta' Transfers of Undertakings f' Kap 9 tal-ktieb tieghu 'Laws of Employment' (PP 245 et seq) Jirreferi ukoll ghas-sentenzi Nglizi li ttrattaw dan il-punt. Jirribatti li huwa kuncett wiesa li ghandu jinghata definizzjoni ristretta. Tali istitut jista' jigi abbuzat a skapitu tal-haddiema fejn hu nvolut l-impjieg taghhom.

<u>L-Art 5 (3)</u> ikompli jghid 'Kull meta trasferiment li jinvolvi bidla sostanzjali fil-kundizzjonijiet tax-xoghol ghad-detriment tal-impjegat jirrizulta fit-terminazzjoni tal-kuntratt tal-impjieg, il-principal ghandu jitqies li kien responsabbli ghal tali terminazzjoni.

Fil-kaz odjern, il-fatti juru li l-impjieg tal-appellanti kien ta' supervizjoni mal-principal precedenti. Fl-istruttura organizzattiva tal-principal l-gdid ossia l-odjerna socjeta' intimata – il-grad ta' 'supervisor' kien limitat ghal membri mmedjati tal-familja tas-sid is-socjeta intimata. Gie offrut lilu l-post ta' cleaner, ghalkemm bl-istess salarju u kundizzjonijiet ohra normali tax-xoghol. Ovvjament dan ma accettax minhabba li n-natura tax-xoghol tbiddel ghal kollox. Hemm differenza minn xoghol li kellu ghal dak li lilu gie offrut. Gie ghalhekk dikjarat 'redundant'.

Id-difiza ta' redundancy giet regolarment trattata quddiem dana it-Tribunal fejn tezizti gurisprudenza kostanti. Bizzejjed issir riferenza ghal decizjonijiet ricenti fl-ismijiet "Mario Psaila vs Melita Plc" u "Anthony Carabott vs BIM Ltd". Anki ai termini tal-Kap 452, il-procedura apposita trid tigi segwita skrupolozament. Huwa dover ta min jallegaha li isir l-prova taghha.

Jirrizulta fil-kaz in dezamina l-istess trasferiment involva bdil sostanzjali fil-kundizzjonijiet tax-xoghol.

Dan sar ghad-detriment tal-impjieg li kkaguna t-terminazzjoni tal-kuntratt tax-xoghol. Huwa ghalhekk li l-istess ligi tipprovdi ghal dak li hemm previst fl-Art 38 (2) tal-Kap 452 u l-Art 6 (1) tal-L.S 452 – 85. Min jittrasferixxi u min jircievi ghalhekk ghandu jkun jaf d-dettalji koncernanti l-istess azjenda u jinforma lil partijiet interessati bit-trasferiment u konsegwenzi. Min qed jiehu ghandu jkun jaf x' ser jircievi u kif l-impjegati ser jigu affettwati. Dawn ghandhom jigu infurmati ukoll.

Mix-xhieda tar-rikorrent jirrizulta li dam xi xahrejn bla xoghol. Di fatti rega' mar jahdem mal-ex principal tieghu.

Wara li ra l-Art 81 (2) (a) tal-kap 452 flimkien mal-provisio u tenut kont tal-eta' u l-impjieg tieghu, u ha in konsiderazzjoni d-danni reali u t-telf it-Tribunal jiffissa ammont ta' elf u hames mitt Euro (€1500). Ma tistax tintlaqa' t-talba ghal hlas ta' danni ohra stante li dan it-Tribunal ma jakkordax danni izda kumpens. Mhux qed tintlaqa' it-talba tieghu sabiex jigi reintegrat fil-post li kellu billi llum ghandu xoghol iehor.

## Konkluzjoni

It-Tribunal jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg ma saritx ghal raguni valida u qed jiffissa kumpens ta' elf u hames mitt Euro (€1500).

Drittijiet qed jigu ntaxxati fis-somma ta' tmenin Euro (€80).

**(iffirmat)**
**Dr Joseph P Bonnici**
***Chairman.***

**VERA KOPJA**

**Graziella Spiteri**
**Ghas-Segretarju**